IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.23 (Tlieta u Għoxrin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 24ta' Marzu, 2015 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti minbarra Neil Attard li kien skużat.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ittieħdu bħala moqrija.
   Ma kienx hemm korrezzjonijiet

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Ġbir ta' Skart – Il-Kuntrattur għadu jiġi kmieni avolja kellimnieh u dan ġara żgur nhar il-Ħadd li għadda.

   3.2 Knis – Ix-xogħol tal-knis mhux isir kif suppost minkejja li x-xogħol tjieb. Il-bins għadhom mhux jitbgħattlu kollha u fl-isqaqien mhux jidħol. Ir-rotot mhux qiegħed isegwihom kif suppost bħal ma kien miftiehem fil-bidu.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.3 Is-Sindku qal li l-aħjar il-kuntrattur jibgħat lill-kennies wara li jlesti r-rotta u jgħidilna fejn ikun għamel. B'dan il-mod għandu jkollna aktar kontroll ta' fejn ikun kines u niggwidawh.

Il-Kunsill rega' tkellem fuq l-iskips ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u ta' Triq Karmelo Ritchie u wara li kellu lmenti mir-residenti li ma jixtiequx li jitneħħew, il-Kunsill qabel li dawn ma jitneħħewx għalissa, biss irridu aktar rapporti minn għandhom ta' min qiegħed jabbuża minn l-iskips.

Il-Kunsill tkellem ukoll fuq il-kwalita' tal-iskips li għandna fix-Xgħajra u qal li dawn huma ta' kwalita' baxxa. Kollha tkissrilhom l-għatu kif ukoll hemm minnhom mingħajr għatu wkoll.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Proġetti Kapitali – Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tagħna ġiet milqugħa u l-Ministeru approvalna l-ammont ta' €60,000 għall-ewwel sena. Il-Kunsill fl-applikazzjoni niżżel li għall-ewwel sena għandna bżonn madwar €70,000 biex jitlesta x-xogħol tal-Multipurpose hall. Id-differenza ta' €10,000 għandu joħroġha l-Kunsill minn sorsi oħra.

Għalhekk issa jmiss li nistennew l-iżviluppi mill-Ministeru sabiex jelenkaw il-kundizzjonijiet u jindikawlna meta ser jiġi ffirmat il-kuntratt.

Is-Sindku qal apparti hekk għandna ċans ukoll li jkollna għajnuna mil-Onor. Ian Borg sabiex nagħmlu x-xogħol fuq il-basketball court u l-ġnien ta' quddiemu. L-Onor. Ian Borg talab il-Bills of Quantities ta' kemm ser jiswa dan ix-xogħol u l-pjanti kollha liema informazzjoni ġew mgħoddija lilu b'permezz ta' email.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti favur u astensjoni waħda.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX XGĦAJRA

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Rigward ix-xogħol tal-parkeġġ temporanju fejn id-dressing rooms tan-nursery, dan ix-xogħol bħalissa jinsab wieqaf minħabba li dħalna fi kwistjoni mal-MEPA fuq kif ser isir parkeġġ minkejja li fuq il-permess hemm imniżżel li ser isir 5-a-side football ground. Is-Sindku qal li kif dejjem tkellimna l-ħsieb huwa li l-ewwel isir parkeġġ temporanju imbagħad isir il-ground 5-a-side skond il-permess.

Is-Sindku qal li dan ix-xoħhol huwa mistenni jsir mill-Public Works flimkien mal-fencing ta' madwar il-proġett. Liema fencing mifthemin li bħala materjal jitħallas mill-Kunsill permezz tal-fondi offruti mill-Onor. Stefan Buontempo.

6.2 Ħitan tas-sejjiegħ – Il-Kunsill tkellem fuq il-problema ta' ħitan tas-sejjiegħ li qegħdin jiġġarfu bin-natura u għalhekk il-Kunsill qabel li nkellmu lis-Sur Ramon Deguara tal-Public Works sabiex jibgħatilna xi ħaddiema u jirranġawhom.

6.3 Bus Shelters – Is-Sindku qal li dawn il-bus shelters ġew approvati u qed nistennew li jiġu approvati l-permessi tal-MEPA.

6.4 Il-Kunsill qabel wara proposta mill-Kunsillier Antonia Buttigieg li naraw x'jista' jsir max-xatt eżattament quddiem Triq il-Grottli sabiex in-nies ikunu jistgħu jinżlu għal baħar minn fuq il-blat.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Il-Kunsill ser jorganiżża il-ħarga tal-visti ta' Jum Ħamis ix-Xirka.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 SSTP – Is-Sindku qal li dan l-aħħar l-impjant ta' Barkat sofra danni minħabba r-rimi illegali tal-farms ġod-drenaġġ u għalhekk kellu jsir xogħol ta' manutenzjoni fil-pompi liema xogħol ġie jiswa ħafna flus madwar €160,000. F'dan iż-żmien ta' manutenzjoni kellu jintrema' drenaġġ fil-baħar bil-konsegwenza li stajna naraw irqajja kbar ta' drenaġġ fil-baħar b'ħafna gawwi fuqhom.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

Il-Kunsill reġa' qabel li għandna niltaqgħu magħhom ħalli jżommuna aġġornati b'dak li kien miftiehem fuq l-irwejjaħ u l-landscaping.

8.2 Is-Sindku qal li l-korsijiet tal-general fitness Zumba ser jibdew minn għada ġewwa l-iskola primarja.

Minkejja li ttardjajna biex nilħqu ftehim mal-Kap tal-Iskola, dawn ser isiru u r-residenti imħeġġin li jagħmluhom. Sar ftehim bil-miktub mal-iskola sabiex il-Kunsill ikun responsabbli għal xi danni li jistgħu isiru fil-ħin li l-iskola tkun qed tintuża għal dan il-kors. Is-Sur Salvu Borg ser ikun il-persuna nkarigata biex jiftah u jagħlaq l-iskola.

8.3 Ġie deċiż li bħal kull sena l-Kunsill jagħti figolla lit-tfal ta' bejn 3 u l-10 snin, u rnexxielna nġibu sponsor mill-Green Pak bħala parti mill-ispiża.

8.4 Il-Kunsill tkellem fuq il-possibbilta' li l-Kunsill Lokali tax-Xgħajra jissieħeb bħala membru fil-GAL Xlokk. Għalhekk is-Sindku ppropona li nitkellmu mal-President, is-Sur Joe Attard sabiex niftiehmu data u ħin għal din il-laqgħa. Intqal ukoll li l-Gal Xlokk qiegħed jitlob li biex jidħlu membri ġodda magħhom irridu nħallsu l-ammont ta' €1000 għal kull Kunsillier (i.e €5000).

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornament għal-Ħamis, 23t'April, 2015 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt